# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 14 ta' Diċembru, 2022.**

**Numru 1**
**Rikors maħluf numru 771/2018/1 TA**

**Jesmar Abela**
***v.***
**Antoine Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' April 2022 illi laqgħet talba tal-attur u ikkundannat lill-appellant iħallas lill-attur erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin euro (€14,167) prezz ta' xogħol u *parts*, u laqgħet ukoll kontro-talba tal-konvenut appellant u ikkundannat lill-attur iħallsu tlitt elef u ħames mitt euro (€3,500) għal xogħol li l-konvenut għamel għall-attur. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur igħid illi għamel xogħol ta' *mechanic* u xtara *parts* għall-konvenut li iżda ma ħallsux u għandu jagħtih tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro u erba' ċenteżmi (€23,809.04). Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallsu dik is-somma flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż[1].

3. Il-konvenut wieġeb illi ma għandu jagħti xejn lill-attur għax:

> »l-attur għandu jressaq il-prova tal-valur tax-xogħlijiet minnu allegatament reżi *oltre* l-*parts* li allegatament xtara billi l-ammont mitiub f'din il-kawża u dak mitlub fl-ittra uffiċjali (166A) b'referenza 290/18 li bagħat ir-rikorrenti qabel din il-kawża huwa totalment differenti;
>
> »l-esponenti irrenda diversi xogħlijiet a favur tar-rikorrenti u fuq struzzjonijiet tiegħu, liema xogħlijiet jammontaw għal *oltre* minn dak mitlub mir-rikorrenti u għalhekk wara li sseħħ it-tpaċija bejniethom huwa l-esponenti li huwa kreditur tar-rikorrenti;
>
> »fi kwalsiasi każ diversi xogħlijiet reżi mir-rikorrenti ma sarux skond is-sengħa u l-arti b'dan illi l-esponenti ġie kkawżat danni li ser jiġu mitluba fil-kontro-talba.«

4. B'ittra ġudizzjarja numru 290/18 tal-1 ta' Frar 2018 (qabel ma nfetħet il-kawża) l-attur kien ippretenda erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin euro (€14,167) u l-konvenut għalhekk ma jifhimx kif issa l-pretensjoni telgħet għal tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro u erba' ċenteżmi (€23,809.04).

5. Il-konvenut imbagħad b'rikonvenzjoni ressaq dawn il-kontro-talbiet biex il-qorti:

> »a. tiddikjara li l-esponenti huwa kreditur tar-rikorrenti rikonvenzjonat fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u tnejn u tmenin euro (€24,482) u konsegwentement tikkundanna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonat sabiex iħallas dan l-ammont lill-esponenti;

---

[1] L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda l-qorti ċaħdet dik it-talba u ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali.

»b. tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonat ma għamilx it-tiswijiet u riparazzjonijiet fuq il-vetturi u makkinarju tal-esponenti skond is-sengħa u l-arti u a sodisfazzjoni tal-istess esponenti; konseg-wentement tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti konsistenti wkoll minn tiswijiet rimedjali u tikkundanna lill-rikorrenti rikonvenzjonat sabiex iħallas l-ammont likwidat lill-esponenti;

»bl-ispejjeż … u bl-imgħaxijiet.«

6. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»tilqa' l-ewwel talba attriċi fl-ammont ta' erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin euro (€14,167) u tikkundanna għalhekk lill-konvenut jħallas l-imsemmi ammont bl-imgħaxijiet legali mill-lum sal-pagament effettiv;

»tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut limitatament għall-ammont ta' tlett elef u ħames mitt euro (€3,500) u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat iħallas din is-somma bl-imgħaxijiet legali minn din is-sentenza sal-pagament effettiv;

»tiċħad it-tielet [*recte*, it-tieni] talba tal-konvenut;

»spejjeż kemm tar-rikors ġuramentat u kif ukoll tal-kontro-talba jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet«

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

»L-attur istitwixxa dawn il-proċeduri sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lilu s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro u erba' ċenteżmi (€23,809.04) *oltre* l-imgħax legali. L-attur isostni li din is-somma tirrappreżenta xogħlijiet ta' mekkanik li l-attur wettaq fuq trakkijiet tal-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess bejn is-snin 2013 u 2017. Min-naħa tiegħu il-konvenut jgħid li kien għamel xi xogħol ta' bini lill-attur li ma tħallasx tagħhom. Jgħid ukoll li x-xogħol li wettaq l-attur fuq l-inġenji tiegħu ma kienx skont l-arti u s-sengħa u għalhekk sofra d-danni. Kien għalhekk li preżenta kontro-talba.

»L-azzjoni eżerċitata mill-attur hija għalhekk waħda għall-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' materjal (*parts*) u *mano d'opera*.

»… … …

»Min-naħa tiegħu, il-konvenut … qed jeżerċita l-azzjoni kontra s-socjetà attriċi [*recte*, kontra l-attur] rikonvenzjonata għaliex wettqet xogħlijiet fuq il-vetturi tal-konvenut li ma sarux skont l-arti u sengħa u kif ukoll għaliex għandu jirċievi ħlas ta' xogħol ta' kostruzzjoni mingħand l-attur rikonvenzjonat. B'konsegwenza ta' hekk, il-konvenut sofra danni fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf erba' mija u tnejn u tmenin euro (€24,482).

»Fi ftit kliem, il-pretensjonijiet reċiproci tal-partijiet huma naxxenti minn obbligi kuntrattwali. Il-ħlas ta' prezz u allura l-kuntratt ta' bejgħ u *cioè* l-kuntratt li bih waħda mill-partijiet tintrabat li tagħti ħaġa lill-oħra bi prezz li din il-parti l-oħra tintrabat li tħallas lilha (artikolu 1346 tal-Kodici Ċivili). Hemm ukoll il-kwistjoni ta' ħlas ta' appalt ta' meta wieħed jiġi

mqabbad għal xi xogħol, jista' jiġi miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal (artikolu 1633 tal-Kodiċi Ċivili). Fil-kontro-talba jitqanqal ukoll il-punt li l-appalt mogħti lill-attur biex jesegwixxi xogħol fuq inġenji ma ġiex esegwit skond l-arti u s-sengħa. F'dan ir-rigward il-qrati tagħna dejjem jgħallmu li fil-każ ta' appalt il-metru li bih jitkejjel l-adempiment hija dik [*recte*, il-metru … huwa dak] tal-verifika tal-eżattezza u tal-bontà tax-xogħol eżegwit in relazzjoni mar-riżultat ottenut.

»… … …

»Il-konvenut laqa' għall-azzjoni attriċi billi, permezz tan-nota ta' kontestazzjoni u risposta ġuramentata ċaħad li għandu jħallas dan l-ammont reklamat. Ir-raġuni li jagħti hi li l-"esponenti [konvenut] irrenda diversi xogħlijiet a favur tar-rikorrenti u fuq struzzjonijiet tiegħu, liema xogħlijiet jammontaw għal *oltre* minn dak mitlub mir-rikorrenti u għalhekk wara li sseħħ it-tpaċija bejniethom huwa l-[konvenut] esponenti li huwa kreditur tar-rikorrenti".

»Fil-kontro-talba li preżenta kontestwalment mar-risposta tiegħu, il-konvenut jippremetti li dawn id-diversi xogħlijiet jammontaw għat-total ta' erbgħa u għoxrin elf, erba' mija u tnejn u tmenin euro (€24,482). Permezz tal-ewwel talba rikonvenzjonali l-konvenut rikonvenjenti fil-fatt qed jitlob lill-qorti tiddikjarah kreditur tal-attur rikonvenut f'dan l-ammont.

»Fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut żied jeċċepixxi wkoll li "diversi xogħolijiet reżi mir-rikorrenti ma sarux skond is-sengħa u l-arti b'dan illi l-esponenti ġie kkawżat danni". Din l-eċċezzjoni tifforma l-bażi tar-raba' premessa fil-kontro-talba. Fit-tieni talba rikonvenzjonali, l-konvenut rikonvenjenti talab għaldaqshekk il-likwidazzjoni, okkorrendo permezz ta' periti nominandi, tad-danni allegatament sofferti "konsistenti wkoll minn tiswijiet rimedjali" u għal kundanna tal-attur rikonvenut għal ħlas tal-ammont likwidat.

»Iż-żewġ partijiet fil-kawża jissostanzjaw il-pretensjoni tagħhom rigward il-ħlas dovut lilhom b'kontijiet maħruġa minnhom stess annessi mal-*affidavit* rispettivi tagħhom. Il-konvenut jinkludi wkoll ammont ta' €15,000 rifless f'riċevuta maħruġa minnu datata 15 ta' Novembru 2013.

»L-attur jissostanzja l-pretensjoni tiegħu li huwa ħallas il-flus għal *parts* b'numru ta' fatturi annessi mal-istess *affidavit* maħruġa minn numru ta' distributuri (ara fattura datata 21 ta' Jannar 2017 maħruġa minn Chris Sant fl-ammont ta' €259.60; fattura li tidher datata 3 ta' Ġunju 2016 bla indikazzjoni minn fejn inħarġet f'ammont li jidher li hu ta' €581.24; tliet fatturi datati 4 ta' Awwissu 2017, 19 ta' Jannar 2018 u 14 ta' Novembru 2017 maħruġa minn *CF Supplies* fl-ammont ta' €82.60, €1,342.11 u €77.88 rispettivament; fattura datata 22 ta' Jannar 2018 maħruġa minn *Sant Bros. Commercials Ltd* fl-ammont ta' €118.88; fattura datata 6 ta' Mejju 2017 maħruġa minn *CCH Distributor Filtration* fl-ammont ta' €1,021.81; erba' fatturi datati 8 ta' Diċembru 2014, 9 ta' Settembru 2014, tnejn duplikati datati 19 ta' Jannar 2018 u tnejn duplikati datati 3 ta' Awwissu 2017 maħruġa minn *Mario Garage* fl-ammont ta' €114.46, €415.95, €862.58 u €252.82 rispettivament; fattura maħruġa minn *Gold Export S.R.L.* b'data u ammont li ma humiex viżibli).

»Il-konvenut jissostanzja l-pretensjoni li huwa sofra danni f'tiswijiet rimedjali bl-istess mod bħall-attur u ċjoè b'numru ta' fatturi annessi mal-*affidavit* tiegħu (fattura datata 3 ta' Settembru 2018 maħruġa minn Charles Azzopardi flammont ta' €5,900; fattura datata 6 ta' Diċembru 2018 maħruġa minn Joseph Camilleri fl-ammont ta' €483.80; fattura datata 30 ta' Jannar 2018 maħruġa minn *Tony Engineering* fl-ammont ta' €188.80; u fattura datata 7 ta' Marzu 2017 maħruġa minn *UNEC Servicing Limited* fl-ammont ta' €1,650). … … …

»Fin-noti rispettivi tagħhom, il-partijiet attakaw il-veraċità tal-verżjonijiet ta' xulxin. … … … il-konvenut jimpunja d-dokumenti annessi mal-*affidavit* tal-attur billi jemfasiżża li "f'dawn id-dokumenti ma hemm ebda referenza għall-esponenti, u għalhekk ma tirriżulta assolutament ebda rabta bejn dawn id-dokumenti u l-esponenti". Dan huwa veru. Madankollu huwa veru wkoll fil-konfront tal-konvenut stess. Kif aċċenna l-attur fin-nota tiegħu, l-ebda mit-tranżazzjonijiet [*sic*] effett-wati mill-konvenut kif joħorġu mid-dokumenti preżentati mal-*affidavit* tiegħu u x-xhieda prodotti minnu ma juru li dan sar b'rabta max-xogħol suppost ħażin tal-attur.

»L-attur fin-nota tiegħu jissottometti wkoll li l-kont kif maħruġ mill-konvenut huwa fittizju u bla bażi *inter alia* għaliex, b'referenza għax-xiehda tal-konvenut, anqas biss kien jaf kemm suppost għandu allegatament jieħu mingħand l-attur. Dan huwa minnu wkoll.

»B'dana kollu, l-attur ukoll wera konfużjoni sħiħa fl-ammont li qed jippretendi li huwa dovut lilu. Tant li, kif sewwa issottometta l-kon-venut, l-ammont indikat fil-fatturi preżentati minnu (uħud minnhom duplikati) ma ġewx riflessi fil-kontijiet maħruġa mill-attur stess. Dan apparti wkoll li wħud minnhom nħarġu fis-sena 2018, jiġifieri fiż-żmien fejn l-attur ma kienx għadu jippresta s-servizzi tiegħu lill-konvenut. Magħdud dan kollu hemm id-diskrepanza flagranti, sollevata diversi drabi mill-konvenut fin-nota, risposta u nota finali, fl-ammont li l-attur intima l-konvenut biex iħallas. Fl-ittra uffiċjali numru 290/18, l-attur intima l-konvenut biex iħallas l-ammont ta' €14,167 mentri fil-proċeduri in eżami l-attur qed jintima l-konvenut biex iħallas l-ammont ta' €23,809.04. Din id-diskrepanza ser tkun qed tittieħed in konsider-azzjoni meta l-qorti ser tiġi biex tillikwida d-danni bil-mod kif ser jingħad 'il quddiem.

»Daqskemm din id-diskrepanza ddgħajjef il-pretensjoni tal-attur, daqs-hekk ieħor ir-risposta tal-konvenut għall-ittra uffiċjali. F'din ir-risposta l-konvenut ma ressaq ebda ilment li l-attur wettaq lilu xi xogħol ħażin. Huwa llimita ruħu biss billi oġġezzjona fuq ir-raġuni li għandu kreditu fil-konfront tal-attur mingħajr ma ppreċiża kemm hu fil-fatt dan il-kreditu. Li kieku x-xogħol tal-attur kien tassew daqshekk ħażin, il-konvenut kien ċertament jirreġistra dan fir-risposta għall-ittra uffiċjali. Li kieku l-konvenut kien jaf fiċ-ċert l-ammont ta' kreditu, li skontu huwa dovut lilu mill-attur, ma kienx joqgħod lura milli jindikah fl-istess risposta. Dan kollu qed jingħad in aġġunta ma' dak li ser ikompli jkun osservat aktar 'l isfel.

»Ma hemm ebda dubbju li f'xi ħin il-partijiet kellhom relazzjoni aktar minn tajba tant li l-anqas riċevuti tal-ħlas ma kienu joħorġu lil xulxin. Huwa x-xhud Mario Micallef, li għal xi żmien kien jaħdem mal-attur, li pitter tajjeb din ir-relazzjoni. Dan għamlu fis-seduta tat-30 ta' April 2019 meta xehed b'referenza għall-kontijiet:

»“Li kienu jirranġaw dejjem kienu jirranġawhom bejn Jesmar u hu. Iġifieri kontijiet qatt ma naf li ħarġu jiena.”

»Il-*modus operandi* ta’ bejn il-partijiet ħoloq problemi lill-qorti minħabba n-nuqqas ta’ kjarezza tal-mod li kienu jħawwdu l-affarijiet bejniethom u dan sabiex tkun tista’ tasal għal dak li huwa dovut bi preċiżjoni lil kull parti. In mankanza assoluta ta’ riċevuti tal-ħlasijiet li kull waħda mill-partijiet allegat li għamlet lill-oħra, ma għen xejn lil din il-qorti biex tkun tista’ tagħmel konteġġi preċiżi.

»Apparti li kull parti għandha l-piż li tipprova dak li tallega, meta jiġi allegat ħlas, ir-rilaxx ta’ riċevuta mill-kreditur hija prova primarja, l-iprem u l-aqwa prova, b’mod partikolari meta jkun hemm diverġenzi kbar fix-xiehda tal-partijiet, bħal ma huwa l-każ li għandha din il-qorti. Di fatti ż-żewġ partijiet jallegaw li ħallsu. L-attur jgħid li ħallas għax-xogħol li għamillu l-konvenut fuq xi ħitan tas-sejjigħ u twaqqigħ ta’ xi saqaf. Il-konvenut min-naħa l-oħra jgħid li dejjem ħallas regolarment. Imma riċevuti xejn.

»… … … B’dan ma jffisirx li l-prova l-ħlas ma tistax issir b’mezzi oħrajn ta’ natura sekondarja. Iżda din il-qorti tistqarr ukoll li l-provi prodotti f’din il-kawża huma opaki u konfużjonali.

»Anke x-xiehda mressqa inkwantu l-ilment tal-konvenut li l-attur ma għamilx xogħol skont l-arti u s-sengħa, dawn ma jwasslux lil din il-qorti biex serenament tgħid li l-produzzjoni tagħhom kienet relatata mal-mertu tal-kawża. Per eżempju dawk imressqa mill-konvenut u *cioè* Charles Azzopardi, Danilo Overend, ma jgħidux li x-xogħljiet rimedjali li kienu inkarigati li jagħmlu mill-konvenut kienu in konnessjoni max-xogħol li kien diġà għamel l-attur. Ħadd minnhom ma semma’ li l-konvenut indikalhom lill-attur. Il-qorti tfakkar li fil-kontro-talba tiegħu stess il-konvenut jippremetti li “fil-kors tax-xogħol tiegħu l-esponenti jopera numru ta’ vetturi u makkinarju kummerċjali inkluż *trucks* u gafef”. Għalhekk bix-xiehda msemmija l-konvenut ma rnexxilux jipprova li dawn ir-riparazzjonijiet saru fuq dawk l-inġenji li kien ħadem fuqhom l-attur, meta, kif jistqarr il-konvenut stess, kellu numru ta’ dawn l-inġenji. Imma anke li kieku, riedet tinġieb ukoll il-prova li l-attur tassew ma kienx esegwixxa xogħlu skont l-arti u s-sengħa. L-anqas rapport *ex parte* ma ġie preżentat qabel ma saru x-xogħolijiet inkwistjoni.

»Huwa dejjem awspikabbli li, meta jkun hemm ħsieb li issir kawża abbażi ta’ pretensjonijiet bħal dawn, ix-xogħlijiet rimedjali ma jsirux qabel ma tkun hekk preżentata l-kawża għal raġunijiet ovvji ta’ kontroll probatorji. Dan dejjem jekk il-konvenut f’din il-kawża kellu ħsieb li jipproċedi kontra l-attur, indipendement mill-proċeduri odjerni li provokaw it-talbiet rikonvenzjonali. Fi kwalunkwe każ, il-konvenut dejjem kellu l-fakoltà li, jekk jidhirlu li x-xiehda li ressaq ma kinitx sodisfaċenti u effikaċi, seta’ jitlob il-ħatra ta’ perit espert mill-qorti fir-rigward ta’ pretensjoni bħal din. Iżda dan ma għamlux. Għalhekk it-tieni talba rikonvenzjonali ser tkun deċiżament miċħuda.

»… … …

»Huwa għalhekk li l-liġi tesiġi li l-parti f’kawża għandha tipprova dak li tallega (art. 562 tal-Kap.12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova. (art. 559 tal-Kap. 12). Dan huwa l-prinċipju antik Ruman ta’ *ei qiu allegat onus probandi incumbit*.

»Tabilħaqq, ħadd mill-partijiet ma ssodisfa l-piż tal-prova bil-mod kif tirrikjedi l-liġi sabiex din il-qorti tkun tista' tasal għall-ammonti preċiżi li kull parti qed tippretendi mingħand l-oħra. L-ebda wieħed mid-dokumenti preżentati minnhom ma jikkostitwixxi prova oġġettiva u konkludenti li turi b'konvinzjoni l-veraċità tal-ammont rifless fil-kontijiet rispettivi tagħhom. Għar-raġunijiet indikati wkoll mill-partijiet stess fin-noti tagħhom, id-dokumenti preżentati minnhom ma humiex biżżejjed biex minnhom infushom iservu bħala l-aħjar prova *ai termini* tal-artikolu 559 tal-Kap. 12.

»L-istess l-anqas ma juru b'mod tanġibbli u konkret in-ness bejn l-ammonti tad-danni pretiżi u s-servizz prestat/materjal mixtri jew riparazzjonijiet effettwati.

»Però din il-qorti xorta temmen, minkejja il-provi konvulżivi u konfużi tal-partijiet, li xi ħlasijiet huma dovuti reċiprokament bejn il-partijiet. Għalhekk, li kieku din il-qorti kellha tirriġetta għal kollox il-pretensjonijiet taż-żewġ partijiet tkun qed twettaq inġustizzja. Iżda l-attrit ta' bejn il-partijiet huwa evidenti, u ma hemm ebda dubbju li pretensjonijiet reċiproci huma miftuħa: żewġ fatturi li fost konsiderazzjoniet oħrajn ser ikunu qegħdin jittieħdu inkonsiderazzjoni *ai fini* ta' likwidazzjoni ta' ammonti.

»F'sitwazzjoni bħal din jiġi adoperat il-prinċipju tal-*arbitrio boni viri*, imnissel mill-konsiderazzjoni ta' ġustizzja ekwitativa, prinċipju li ma jħallix inġustament insodisfatti l-pretensjonijiet ta' partijiet fil-kawża minħabba d-disorganizzazzjoni fil-kwalità ta' provi imressqa in sostenn tal-pretensjoni meta jkun jidher li xi xorta ta' raġun ikun tassew jeżisti. Għalhekk "kif inhu *ormai* konswet fejn il-mezzi probatorji ma jwasslux bi precizjoni ghad-determinazzjoni tal-ammont reklamat jew pretiz, il-qorti ser taddotta *invece* r-regola tal-*arbitrio boni viri* fejn l-ammont jigi stabbilit *ex æquo et bono* mill-gudikant" (ara sentenza tal-Prim'Awla tas-16 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet George Scerri *v.* Peter Redman *nomine*).

»… … …

»Dan it-tagħlim imnissel mill-prinċipji antiki rumani ta' *quantum iudici æquum (et bonum) tannate* [*recte*, *tantæ*] *pecuniæ condemnato*. Huwa ukoll konsonanti ma dak li josservaw l-awturi fuq din il-materja … … …

»F'dan ir-rigward jintqal ukoll hekk:

> »"In tema di liquidazione equitativa del danno, al fine di evitare che la relativa decisione si presenti come arbitraria e sottratta ad ogni controllo, è necessario che il giudice indichi, almeno sommariamente e nell'ambito dellżampio potere discrezionale che gli è proprio, i criteri seguiti per determinare l'entità del danno e gli elementi su cui ha basato la sua decisione in ordine al *quantum*." (Cass. civ. n. 2327/2018)

»Il-qorti għalhekk qieset li għandha tistrieħ fuq dak li huwa raġjonevoli u li b'xi mod huwa suffragat mill-provi li minn dawk kollha imressqa huma l-aktar ċari.

»Sa fejn jirrigwarda ammonti dovuti lill-attur, il-qorti tgħid li, kif diġà rilevat aktar 'il fuq, hemm diskrepanza bejn dak li talab l-attur fl-ittra uffiċjali tiegħu tal-ewwel ta' Frar 2018 u *cioè* €14,167 u dak li qiegħed jitlob f'din il-kawża, *cioè* €23,809.04. Il-qorti għalhekk ser tkun qed

> tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont mitlub f'dik l-ittra uffiċjali bħala dak mistħoqq lill-attur u *cioè* €14,167.
>
> »Min-naħa l-oħra l-attur jgħid li kwantu għal dak pretiż mill-konvenut u *cioè* ħlas ta' xogħlijiet ta' twaqqigħ u kostruzzjoni huwa ħallsu l-ammont ta' €3,500 iżda riċevuta tal-ħlas ma hemmx. L-anqas ma hemm provi ta' natura sekondarja biex forsi jikkorrobaraw dan il-ħlas. Għalhekk il-qorti ser tkun qed tillikwida favur il-konvenut *arbitrio boni viri* s-somma imsemmija. Finalment, din il-qorti tinnota li b' "kum-binazzjoni", l-ammont li llikwida l-konvenut huwa kważi pari mal-ammont li qiegħed jippretendi l-attur.«

8. Il-konvenut appella b'rikors tal-5 ta' Mejju 2022 li għalih l-attur wieġeb fit-23 ta' Ġunju 2022.

9. Fl-ewwel aggravju l-konvenut igħid illi n-"nuqqas serju" ta' provi mill-attur kellu jwassal biex it-talbiet tal-attur jiġi miċħuda. Igħid illi kull ma ressaq l-attur bħala prova huwa l-*affidavit* tiegħu stess, għax ma hemm xejn li jorbot id-dokumenti minnu preżentati max-xogħlijiet magħmula u l-*parts* mixtrija għall-konvenut. Il-konvenut jikkummenta wkoll fuq id-diskrepanza bejn dak pretiż mill-attur – erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin euro (€14,167) – fl-ittra ġudizzjarja tal-1 ta'Frar 2018 u t-tlieta u għoxrin elf, tmien mija u disa' euro u erba' ċenteżmi (€23,809.04) mitluba fil-kawża.

10. Fir-raba' aggravju mbagħad igħid illi l-ewwel qorti ma kellhiex tillikwida ammonti *arbitrio boni viri* iżda kellha toqgħod strettament fuq il-provi. Dawn iż-żewġ aggravji sejrin jitqiesu flimkien.

11. Dak li jgħid il-konvenut fl-ewwel aggravju kollu huwa minnu, iżda huwa minnu wkoll illi l-ewwel qorti qisitu fis-sentenza tagħha. Tassew illi ma tressqitx l-aħjar prova in assolut fil-forma li trid il-liġi[2], iżda, fiċ-ċirkostanzi ta' kif il-partijiet kienu jmexxu n-negozu bejniethom fuq bażi ta' fiduċja

[2] Artt. 13 *et seqq.* Kod. Kumm.

f'xulxin fiż-żmien qabel ma r-relazzjoniiet qrasu, tressqet l-aħjar prova li setgħet titressaq.

12. Għandu jingħad ukoll illi l-konvenut ma ċaħadx li kellu jagħti lill-attur; fl-eċċezzjonijiet tiegħu jgħid li seħħet tpaċija, li jfisser li impliċitament jammetti li kellu jagħti, għalkemm jikkontesta l-ammont.

13. Din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti illi, fiċ-ċirkostanzi, ma jkunx xieraq li għax ma saritx l-aħjar prova kulħadd jibqa' b'li ħa. Għalhekk ma taqbilx mal-aggravju li jgħid illi l-ewwel qorti ma kellhiex tillikwida ammonti *arbitrio boni viri.*

14. Taqbel ukoll mal-ewwel qorti illi aktar għandha toqgħod fuq il-pretensjoni tal-attur imressqa bl-ittra tal-1 ta' Frar 2018 milli fuq dak minnu mitlub fir-rikors maħluf.

15. It-tieni aggravju jolqot iċ-ċaħda tat-tieni kontro-talba, dik għal danni minħabba xogħlijiet li l-konvenut igħid illi saru ħażin mill-attur fuq vetturi tal-konvenut.

16. Dwar dawn ix-xogħlijiet mhux biss ma hemmx prova affidabbli dwar *quantum* iżda wkoll – ħlief għall-kelma tal-konvenut – lanqas hemm prova li tassew saru xogħlijiet ħażin mill-attur. Dan ma huwiex każ – bħal fil-każ tal-pretensjoni tal-attur – li ma nġabrux provi fil-waqt għax ir-relazzjoni bejn il-partijiet kienet għadha tajba u msejsa fuq fiduċja f'xulxin; il-konvenut stess igħid fl-*affidavit* tiegħu illi "d-diżgwid bejnietna beda meta Jesmar beda jagħmilli xogħol ħażin". Dan huwa każ fejn jekk tassew u ripetutament sar xogħol ħażin u nħoloq "diżgwid", il-konvenut kellu, jekk

mhux jistenna sakemm tibda tinstema’ l-kawża biex jinħatar espert mill-qorti (biex ma jibqax għal żmien twil imċaħħad mill-użu tal-vetturi), jaħtar espert *ex parte* biex jidentifika x-xogħol ħażin, jorbtu ma’ dak li għamel l-attur u jikkonferma l-ħsara.

17. Kif ukoll qalet l-ewwel qorti, in-nuqqas tal-konvenut illi, fit-tweġiba għall-ittra ġudizzjarja tal-attur tal-1 ta’ Frar 2018, isemmi din il-pretensjoni tiegħu bħala waħda mir-raġunijiet għala għandha sseħħ tpaċija tkompli ddgħajjef il-pretensjoni tiegħu.

18. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti hija tal-fehma li ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament ta’ provi li għamlet l-ewwel qorti. Dan l-aggravju għalhekk ma huwiex sejjer jintlaqa’.

19. L-aħħar aggravju huwa dwar il-kreditu pretiż mill-konvenut għal xogħol li jgħid li għamel għall-attur jew imqabbad minnu. Il-konvenut igħid illi l-attur ma jikkontestax il-fatt illi dan ix-xogħol sar, iżda jgħid illi ma kienx hu li qabbad lill-konvenut jagħmlu u għalhekk ma għandux ikun hu li jħallas għalih. Il-konvenut iżda jgħid illi għalkemm huwa minnu li xi xogħol sar fuq proprjetà ta’ missier l-attur, kien l-attur li qabbdu jagħmlu u kien l-attur li nqeda bil-proprjetà li ħadem fuqha l-konvenut.

20. Għandu jingħad illi l-ewwel qorti xejn ma fissret għala ma qisitx l-argument illi kien l-attur li qabbad lill-konvenut jagħmel x-xogħol li sar fuq proprjetà ta’ missier l-attur u għalhekk ma ngħatat ebda raġuni għala ma emmnitx lill-konvenut meta dan igħid illi kien l-attur li qabbdu jagħmel ix-xogħol.

21. Huwa minnu illi l-attur ma jikkontestax il-fatt li x-xogħol sar, għalkemm mhux fil-proprjetà tiegħu, u jgħid ukoll fl-*affidavit* tiegħu illi kien jaħdem f'bitħa ta' missieru li l-konvenut igħid illi għamel ħafna xogħol fuqha. Fiċ-ċirkostanzi, partikolarment dik tar-relazzjoni tajba li kienet teżisti bejn il-partijiet f'dak iż-żmien, din il-qorti, fin-nuqqas ta' konsiderazzjonijiet dwar hekk mill-ewwel qorti, hija tal-fehma illi għandha temmen lill-konvenut.

22. Bħal fil-każ ta' dak dovut lill-attur, iżda, il-provi dwar *quantum* huma x'aktarx nieqsa. Tassew illi l-konvenut ippreżenta prospett iżda dan ukoll jaqa' fit-tifsira ta' provi "konfużjonali" kif sejħitilhom l-ewwel qorti. Il-prospett fil-fatt igħid hekk:

| | |
|---|---|
| Oil tank | 450.00 |
| VAT on receipt of €15,000 | 2,400.00 |
| Plot Joe | 6,000.00 |
| Levelling yard + screeds | 5,500.00 |
| Removal of rubble wall + demolition of roofs at Zejtun field | 3,500.00 |
| 1 trip removal of iron | 250.00 |
| 3/15 cheque | 1,000.00 |
| 4/16 cash | 1,300.00 |
| Żeppi wall of yard | 350.00 |
| sub-total | 20,750.00 |
| VAT 18% | 3,735.00 |
| Total | 24,485.00 |

23. Hemm xi partiti ovvjament ħżiena. Il-partita "*VAT on receipt of €15,000*" hija ħażina għax it-taxxa fuq il-valur miżjud titqies inkluża fil-prezz u mhux tiżdied wara[3]. Ħżiena wkoll huma l-partiti "*3/15 cheque*" u "*4/16 cash*" għax il-ħlasijiet jitnaqqsu mhux jiżdiedu mat-total. Ovvjament, it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq dawn il-partiti wkoll ma kellhiex tiżdied mat-total. Prospett aktar realistiku jkun hekk:

[3] Art. 49(1) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud [Kap. 406]

| | | |
|---|---|---|
| Oil tank | | 450.00 |
| VAT on receipt of €15,000 | | 0.00 |
| Plot Joe | | 6,000.00 |
| Levelling yard + screeds | | 5,500.00 |
| Removal of rubble wall + demolition of roofs at Zejtun field | | 3,500.00 |
| 1 trip removal of iron | | 250.00 |
| 3/15 cheque | | -1,000.00 |
| 4/16 cash | | -1,300.00 |
| Żeppi wall of yard | | 350.00 |
| | sub-total | 13,750.00 |
| | VAT 18% | 2,475.00 |
| | Total | 16,225.00 |

24. Il-qorti għalhekk tilqa' dan l-aggravju iżda biss billi tillikwida l-ammont li l-attur għandu jagħti lill-attur fis-somma ta' sittax-il elf, mitejn u ħamsa u għoxrin euro (€16,225).

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni kontro-talba; tikkonfermaha fejn illikwidat l-ammont li l-konvenut għandu jagħti lill-attur fi-somma ta' erbatax-il elf, mija u sebgħa u sittin euro (€14,167); tħassarha fejn illikwidat l-ammont li l-attur għandu jagħti lill-konvenut fi-somma ta' tlitt elef u ħames mitt euro (€3,500) u, minflok, tillikwida ammont ta' sittax-il elf, mitejn u ħamsa u għoxrin euro (€16,225). Għalhekk, wara li sseħħ tpaċija, tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenut il-bilanċ ta' elfejn u tmienja u ħamsin euro (€2,058) flimkien mal-imgħax minn dakinhar tar-rikonvenzjoni. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr